

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal d'instance du VII^{ème} arrondissement de Paris (Franza) fit-2 ta' Awwissu 2007 — Kip Europe SA, Kip UK Ltd, Caretrex Logistiek BV, Utax GmbH vs Administration des douanes — Direction générale des douanes et droits indirects

(Kawża C-362/07)

(2007/C 269/42)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Qorti tar-rinvju

Tribunal d'instance du VII arrondissement de Paris (Franza).

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Kip Europe SA, Kip UK Ltd, Caretrex Logistiek BV, Utax GmbH.

Konvenuta: Administration des douanes — Direction générale des douanes et droits indirects.

Domandi preliminari

- 1) Il-funzjoni "copy" ta' apparat multifunzjonali, bħal dak deskritt fil-proċedura preżenti, maħsub sabiex jaħdem fkollegament dirett jew permezz ta' netwerk ma' kompjuter jew komputers, iżda li jista' permezz tal-funzjoni "copy", jaħdem b'mod indipendent, tikkostitwixxi "funzjoni speċifika oħra minbarra l-iproċċessar ta' data" skond in-nota 5 E tal-Kapitolu 84 tan-Nomenklatura Magħquda?
- 2) F'każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, l-eżiżenza ta' din il-funzjoni speċifika, li fir-rigward tagħha huwa espliċitament rikonoxxut li ma tagħtix lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħi, hija ta' natura tali li teskludi l-klassifikazzjoni fil-Kapitolu 84 skond in-nota 5 E, minkejja l-eżiżenza tal-funzjonijiet ta' printer u ta' scanner li jaqgħu taħt l-iproċċessar ta' data?
- 3) F'każ bħal dan, u, fir-rigward ta' apparat magħmul mill-assemblaġġ ta' tliet komponenti materjalment distinti (printer, scanner u kompjuter), il-klassifikazzjoni m'għandha ssir fuq il-bażi tar-Regola Ġenerali 3 (b)?
- 4) B'mod aktar ġenerali, l-interpretazzjoni korretta tas-Sistema Armonizzata u tan-Nomenklatura Magħquda għandha twassal sabiex printers bħal dawk deskritti jiġi kklassifikati fl-intestatura 8471 60 jew 9009 12 00?
- 5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 400/2006 (¹) (KE), tat-8 ta' Marzu 2006, huwiex validu, b'mod partikolari, peress li jmur kontra s-Sistema Armonizzata, in-Nomenklatura Magħquda u l-paragrafi 1 u 3(b) tar-Regoli Ġenerali għall-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata u tan-Nomenklatura Magħquda, safejn dan huwa mmotivat b'referenza għall-kunċċett ta' "funzjoni li tagħti lill-apparat il-karattru essenzjali tie-

għu" u safejn iwassal għall-klassifikazzjoni fl-intestatura 9009 12 00 ta' printers bħal dawk deskritti?

(¹) Regolament tal-Kummissjoni (KE) tat-8 ta' Marzu 2006, 400/2006, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti ogħġetti fin-Nomenklatura magħquda (ĠU L 70, pag. 9) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal d'instance du VII^{ème} arrondissement de Paris (Franza) fit-2 ta' Awwissu 2007 — Hewlett Packard International SARL vs Administration des douanes — Direction générale des douanes et droits indirects

(Kawża C-363/07)

(2007/C 269/43)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal d'instance du VII^{ème} arrondissement de Paris

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hewlett Packard International SARL

Konvenuta: Administration des douanes — Direction générale des douanes et droits indirects

Domandi preliminari

- 1) Il-funzjoni "copy" ta' apparat multifunzjonali, bħal dak deskritt fil-proċedimenti preżenti, maħsab sabiex jaħdem fkollegament dirett jew permezz ta' netwerk ma' kompjuter jew kompjuters, iżda li jista' permezz tal-funzjoni "copy", jaħdem b'mod indipendent, tikkostitwixxi "funzjoni speċifika oħra minbarra l-iproċċessar ta' data" skond in-Nota 5 E tal-Kapitolu 84 tan-Nomenklatura Magħquda?
- 2) Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, l-eżiżenza ta' din il-funzjoni speċifika, li fir-rigward tagħha huwa espliċitament rikonoxxut li ma tagħtix lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħi, hija ta' natura tali li teskludi l-klassifikazzjoni fil-Kapitolu 84 skond in-nota 5 E, minkejja l-eżiżenza tal-funzjonijiet ta' printer u ta' scanner li jaqgħu taħt l-iproċċessar ta' data?
- 3) F'każ bħal dan, u fir-rigward ta' apparat magħmul mill-assemblaġġ ta' tliet komponenti materjalment distinti (printer u scanner), il-klassifikazzjoni għandha ssir fuq il-bażi tar-Regola Ġenerali 3(b)?